**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Novembru, 2018

Rikors Nru : 323/18 AL

**AB**
***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija zzewwget lill-intimat CD fit-tnax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (12-7-2013) fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, Zabbar u dan iz-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta biss b'att numru elf seba' mija hamsa u hamsin tal-elfejn u tlettax (1755/2013) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbghatax (2014) u dana stante li kien ilhom li bdew il-proceduri ghas-separazzjoni quddiem din il-Qorti sa mill-hamsa u ghoxrin

(25) ta’ Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) – (Kopji annessi Dok B);

Illi l-partijiet ma kellhom l-ebda ulied minn dan iz-zwieg;

Illi hija ddiskutiet mal-avukat taghha Dr Ian Micallef il-possibilita ta’ rikonciljazzjoni u nghatat mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn l-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok C), u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma Neville Zerafa hu mahul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat li giet ikkonfermata bil-gurament u li permezz taghha ikkonferma :

Illi b’risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti jissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qieghed jikkontesta u/jew jopponi ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti jhoss li l-ispejjez marbuta ma dan id-divorzju ghandhom jigu sopporati esklussivament mir-rikorrenti stante li hija r-rikorrent li istitwiet dawn il-proceduri;

Tant ghandu x’jissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta’ dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2018;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 t' Awwissu 2014;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.